**10 ta' Frar, 1961**

**Is-S.T.O. Prof. Sir Anthony J. Mamo, O.B.E., C.St.J., Q.C., B.A., LL.D., President;**
**Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, C.B.E., K.M., LL.D.;**
**Onor. Dr. W. Harding, C.B.E., K.M., B.Litt., LL.D.**

Elena Magri et.

*versus*

Rosaria sive Rosa Borg

**Provi — Dikjarazzjoni tal-Avukat — Appell — Art. 695 tal-Kap. 15.**

*Jekk f'ċertu stadju tal-kawża d-difensur jiddikjara li ma għandux provi aktar "għal issa", dikjarazzjoni simili għandha titqies li ssir, u li saret, bis-serjetà; altrimenti jingħata lok għall-protilazzjoni, xi minn daqqiet vessatorja, tal-kawżi; u kwindi l-parti mhix ammessa li ġġib, wara li tkun saret dik id-dikjarazzjoni, xhieda oħra li hija kienet taf bihom meta saret id-dikjarazzjoni. Il-frażi "għal issa" ma għandiex sens; għax jekk litigant għandu, u jaf bi provi li verament u lealment irid jipproduċi, ikun assurd li jiġi dikjarat li hu ma għandux provi aktar, anki jekk id-difensur jikkwalifika dik id-dikjarazzjoni bil-kelma "għal issa". Kwalifika simili ma tistgħax raġjonevolment tkopri dawk il-provi li kienu noti għall-litigant.*

*Taħt ċirkustanzi simili, id-dikjarazzjoni tal-avukat mhux ritirabbli.*

*Kien ikun divers il-każ kieku, fil-waqt tad-dikjarazzjoni, il-parti ma kienetx taf b'dawk il-provi, jew kieku l-kontroparti, wara dik id-dikjarazzjoni, issollevat xi punt ġdid li kien jippostula in ripulsa provi oħra mill-parti li għamlet dik id-dikjarazzjoni.*

*Il-Qorti tal-Appell, hu paċifiku, ma tindaħalx, in linea ta' massima fl-eżerizzju tad-diskrezzjoni tal-Qorti tal-Ewwel Istanza dwar l-ammissjoni ta' provi, ħlief meta d-diskrezzjoni tal-Ewwel Qorti tkun ġiet eżerċitata ħażin, jew għal xi motiv ieħor gravi.*

Il-Qorti:— Rat ir-rikors tal-atturi, li bih esponew illi huma talbu quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili li l-konvenuta tiġi kundannata tirrendi, fi żmien qasir prefiġġendo, kont ġust u fidil tal-kera jew korrispettiv ieħor li daħħlet jew setgħet iddaħħal, mis-sena 1945 sar-reża tal-kont, mill-ħanut u kommoditajiet retroposti li qiegħed Birkirkara, Curmi Road, no. 17, angolo ma' Railway Square no. 1, proprijetà tal-atturi, li l-konvenuta qabdet u ħadet f'idejha mingħajr il-kunsens u ad insaputa tal-atturi;

Illi l-konvenuta eċċepiet li l-fond hu proprjetà tagħha, u li għalhekk il-pretensjoni tal-atturi hi nfondata;

Illi fis-seduta tat-13 ta' Diċembru 1960 l-atturi talbu li jipproduċu bħala xhieda lil Mary Vella l-lum miżżewġa Meli, Paolo Borg u Emmanuele Muscat, għall-prova li fi żmien il-konċessjoni in atti l-ħanut kien segregat mid-dar konċessa in enfitewsi, u baqa' hekk segregat, u allegaw li ma ddikjarawx dawn ix-xhieda mal-att taċ-ċitazzjoni l-għaliex ma kienux jafu bihom;

Illi b'digriet tal-imsemmija data tat-13 ta' Diċembru 1960 il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili rrespinġiet din it-talba tal-atturi;

Illi l-atturi jħossu ruħhom aggravati b'dan id-digriet, li jxekkilhom fil-produzzjoni tal-provi, għalhekk qegħdin jappellaw mill-imsemmi digriet, u talbu li din il-Qorti jogħġobha tirrevoka l-fuq imsemmi digriet mogħti mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maestà Tagħha r-Reġina fit-13 ta' Diċembru 1960, u tiddikjara li huma ammissibbli x-xhieda ta' Mary Vella (in Meli), Paolo Borg u Emmanuele Muscat, u jiġu ammessi. Bl-ispejjeż tant ta' din kemm tal-ewwel istanza fuq din il-kwistjoni;

Rat ir-risposta tal-appellata Rosaria sive Rosa Borg fol. 133, li biha talbet il-konferma tad-degriet appellat; bl-ispejjeż;

Rat l-imsemmi digriet tal-Ewwel Qorti tat-13 ta' Diċembru, 1960 li bih, wara li l-Qorti rrilevat li kien jirriżulta mix-xhieda tal-attriċi Edwige Magri li x-xhieda li qed jintalab li jiġu prodotti ilha taf bihom minn xi erbgħa xhur u fil-5 ta' Ottubru 1960 l-atturi, permezz tad-difensur tagħhom, iddikjaraw li ma għandhomx provi aktar, irrespinġiet it-talba għall-produzzjoni ta' dawn ix-xhieda in vista tal-fatt li l-konvenuta opponiet ruħha għall-produzzjoni tal-istess xhieda;

Trattat l-appell;

Ikkunsidrat;

Illi anki jekk, għall-grazzja tal-argument, jingħad illi n-neċessità tal-produzzjoni tax-xhieda fuq imsemmijin għall-oġġett indikat fol. 124 u fol. 136 inqalgħet wara li ġiet preżentata d-dikjarazzjoni fol. 3 u li ġiet okkażjonata bl-eċċezzjoni fol. 5 u bid-dikjarazzjoni ta' magħha, li fiha ġie assert li l-ħanut kien jifforma parti mid-dar, u li għalhekk ma hux ta' ostakolu s-subart. (5) tal-art. 155 Kap. 15, jibqa' dejjem li fis-seduta tal-5 ta' Ottubru 1960 id-difensur tal-atturi ddikjara li għal issa ma għandux provi aktar (fol. 102). Meta saret dik id-dikjarazzjoni, l-attriċi Edwige Magri (li, x'ħin saret kienet preżenti fl-awla) kienet taf bix-xhieda li issa jridu jipproduċu l-atturi l-oħra; infatti, kienet ta' bihom f'Awissu 1960 (ara xhieda tagħha fol 128 mogħtija fit-13 ta' Diċembru 1960, fejn qalet li kienet taf bihom xi erbgħa xhur qabel). Dikjarazzjoni simili għandha titqies li ssir, u li saret, bis-serjetà; għaliex altrimenti jingħata lok għall-protilazzjoni, xi minn daqqiet vessatorja, tal-kawżi, non ostanti l-isforzi tal-ġudikant biex jikkonkjudi sollecitament it-trattazzjoni. Il-kelma "għal issa" ma għandhiex sens fil-fattispeċje; għaliex, meta saret id-dikjarazzjoni, dawk ix-xhieda kienu ġa noti lill-attriċi Edwiġe Magri preżenti fl-awla; u jekk litigant għandu, u

jaf bi provi, li veramenti u lealment irid jipproduċi, ikun assurd li jiġi dikjarat li ma għandux provi aktar, anki jekk jikkwalifika dik id-dikjarazzjoni bil-kelma "għal issa"; għax kwalifika simili ma tistgħax raġjonevolment tkopri dawk il-provi diġa' noti għall-litigant;

Id difensur tal-appellanti talab, issa fl-appell, li jirtira dik id-dikjarazzjoni taħt l-art. 695 Kap. 15 (verbal fol. 136); iżda d-dispożizzjoni nvokata tirrigwarda dikjarazzjonijiet dwar fatti, ċjoè dwar ċirkustanzi, li diversament, kieku mhux dikjarati, kienu iffurmaw oġġett ta' provi, partikularment ċirkustanzi ammessi mill-litiganti; tant li din id-dispożizzjoni hi kollokata taħt l-intestatura ta' "Fuq il-Provi bl-Ammissjoni jew bis-Subizzjoni tal-Parti Kuntrarja", u ma tirrigwardax il-mod kif id-difensur inkarigat bil-kawża jirregola ruħu proċeduralment f'dak li hu jkun jirritjeni, bene o male, li ikun fl-interess tal-litigant minnu patroċinat. Għalhekk, it-talba għall-irtir tad-dikjarazzjoni ma tistgħax tkun eżawrita, fiċ-ċirkustanzi tal-fattispeċje;

Ma jistgħax jingħad li l-atturi kienu b'xi mod sorpriżi b'xi linja ta' difiża inaspettata li, fil-mument tad-dikjarazzjoni fol. 102, kienu jinjoraw; għaliex il-prova offerta, li fuqha jivverti dan l-appell, għandha b'oġġett tagħha l-punt ta' kontestazzjoni elevat ferm qabel fin-nota tal-eċċezzjonijiet u fid-dikjarazzjoni fol. 5 tal-kontroparti;

Il-każ kien ikun divers kieku, fil-waqt tad-dikjarazzjoni, l-atturi ma kienux jafu b'dawk il-provi, jew kieku l-kontroparti, wara d-dikjarazzjoni fol. 102, issollevat xi punt ġdid li kien jippostula in ripulsa provi oħra mill-parti tal-atturi. Il-kelma "għal issa" (u, fi żmien ieħor, "allo stato degli atti") jistgħu, fiċ-ċirkustanzi kongruwi, ikopru l-każ ta' provi li jiġu għal-konjizzjoni tal-litigant wara li jkun għamel dikjarazzjoni simili, jew il-każ ta' xi deduzzjoni, "ex novo" jew "abrupte", tal-kontroparti neċessitanti orjentament divers tal-provi: dejjem wara d-dikjarazzjoni simili. Il-każ odjern ma hux hekk;

L-appellanti nvokaw ukoll l-art. 204 Kap. 15; iżda tant għar-rigward ta' dan l-artikolu, kemm ta' dak numru 201.

si tratta, taħt dan l-aspett, ta' eżerċizzju tad-diskretiva tal-Ewwel Qorti; u hu paċifiku li din il-Qorti ma tindaħalx, in linea ta' massima, f'dak l-eżerċizzju ħlief meta jkun manifestament eżerċitat ħażin, jew għal xi motiv ieħor gravi; li ma hux il-każ fil-fattispeċje preżenti;

Għal dawn ir-raġunijiet, din il-Qorti tiddeċidi billi tiċħad l-appell u tikkonferma d-digriet appellat; bl-ispejjeż kontra l-atturi appellanti; u tordna li l-attijiet jiġu rinvijati lill-Ewwel Qorti.